# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 20 ta' Mejju 2025**

**Rikors ġuramentat numru 1111/2023AB fl-ismijiet:**

**Broadcasting Authority Malta**
**vs.**
**Media Link Communications Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-Awtorita attriċi fejn, inter alia, ippremettiet li bħala l-Awtorita li tissorvelja u tirregola x-xandiriet kollha tar-Radju u Televiżjoni li joriġinaw mill-Gżejjer Maltin u tiżgura l-konformita tagħhom mal-obbligi legali u tal-liċenzja kif ukoll il-preservazzjoni tal-imparzjalita dovuta kienet kreditriċi tas-soċjeta konvenuta fl-ammont ta' tmienja u sittin elf, mitejn disa' u ħamsin euro sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€68,259.27) rappreżentanti l-import ta' diversi fatturi li nħarġu mill-Awtorita attriċi lis-soċjeta konvenuta u li kienu jirrappreżentaw liċenzi, servizzi u miżati, drittijiet u taxxi oħra dovuta minn żmien għal żmien mis-soċjeta konvenuta lill-Awtorita attriċi.

2. Għalkemm is-soċjeta konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas dan l-ammont, u minkejja d-diversi wegħdi ta' ħlas tul is-snin li s-soċjeta konvenuta kienet sejra tħallas l-ammont kollu għas-saldu, dawn l-ammonti baqgħu ma tħallsux minkejja li kienu ammonti ċerti, likwidi u skaduti kif ukoll li s-soċjeta konvenuta ma kellha ebda eċċezzjonijiet validi x'tissolleva kontra din it-talba għall-ħlas mill-Awtorita attriċi.

3. Kien għalhekk li l-Awtorita attriċi filwaqt li saħqet li għal dan il-każ tagħha kienu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-art 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, talbet lil din il-Qorti sabiex :

   i. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ a tenur tal-art 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
   ii. Tiddikjara lis-soċjeta konvenuta bħala debitriċi tagħha fl-ammont komplessiv ta' tmienja u sittin elf, mitejn disa' u ħamsin euro sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€68,259.27);
   iii. Konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta konvenuta tħallas lill-Awtorita attriċi dan l-ammont ta' tmienja u sittin elf, mitejn disa' u ħamsin euro sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€68,259.27) bl-imgħax skont il-Liġi mid-data tal-iskadenza ta' kull fattura sad-data tal-ħlas effettiv, bl-ispejjeż ikunu a karigu tas-soċjeta konvenuta.

4. Rat li din il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għas-seduta tal-21 ta' Novembru 2023 il-partijiet kienu infurmaw lil Qorti li fil-mori tal-proċedura kien sar ħlas akkont tal-ammont dovut kif ukoll li d-difensur tas-soċjeta konvenuta kellu fi żmien sebat ijiem jippreżenta dokument li jinkludi fih l-intiża dwar kif kellhom isiru l-ħlasijiet;

5. Rat li matul is-seduta tal-21 ta' Marzu 2024 id-difensur tas-soċjeta konvenuta informa lil Qorti li t-trattattivi bejn il-partijiet kienu għadhom għaddejjin u talab differiment relattivament fit-tul sabiex is-soċjeta konvenuta setgħet tirregola ruħha fil-frattemp;

6. Rat li matul is-seduta tal-15 t'Ottubru 2024 id-difensur tas-soċjeta konvenuta informa lil Qorti li t-trattattivi bejn il-partijiet kienu għadhom għaddejjin iżda d-difensur tal-Awtorita attriċi saħaq li s-soċjeta konvenuta kienet ingħatat żmien biżżejjed biex tirregola ruħha;

7. Rat li matul is-seduta tal-14 ta' Novembru 2024 il-Qorti ġiet infurmata mill-partijiet li fil-mori tad-differiment kienu għadhom għaddejjin trattivi għal transazzjoni;

8. Rat li matul is-seduta tas-16 ta' Jannar 2025 il-Qorti ġiet infurmata mid-difensur tal-Awtorita attriċi li l-partijiet kienu għadhom għaddejjin f'diskussjonijiet għal transazzjoni;

9. Rat li matul is-seduta tal-4 ta' Marzu 2025 id-difensur tas-soċjeta konvenuta ma deherx filwaqt li d-difensur tal-Awtorita attriċi talab

sabiex rappreżentant tal-Awtorita attriċi jixhed u jikkonferma l-ammonti li kienu għadhom pendenti.

10. Il-Qorti wara li reggħet sejjħet llis-socjeta` konvenuta u d-Difensur tagħha dawn baqgħu ma dehrux. Intant il-Qorti rat illi matul din is-seduta s-socjeta` konvenuta ma batgħet lil ħadd biex jispjega għaliex ma kellhiex tipproċedi bis-smiegħ tal-kawża. F'dan is-sens id-difensur tal-Awtorita attriċi talab lill-Qorti sabiex tipproċedi u tgħaddi għas-sentenza fuq il-provi preżentati nonche x-xhieda ta` Daniel Delia mgħotija seduta stante.

11. Il-Qorti rat illi minkejja diversi differimenti li kkonċendiet, is-soċjeta` konvenuta naqset milli taderixxi ma` dak imsemmi mal-art. 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta` Malta. Il-Qorti għalhekk għaddiet biex iddifferiet il-kawża għas-sentenza għas-sedta tad-29 t'April 2025.

12. Rat ukoll li fis-seduta sussegwenti, qabel ma l-Qorti kienet sejra tippronunzja s-sentenza l-Awtorita rikorrenti debitament rappreżentata infurmat lil Qorti li fil-mori tad-differiment hija kienet tħallset l-ammont tas-sorte filwaqt li riedet iżżomm fermi l-imgħaxijiet u l-kap tal-ispejjeż. F'dan is-sens Dr. Refalo għall-Awtorita attriċi talba ftit żmien sabiex ikun jista' jippreżenta nota f'dan is-sens. Il-Qorti għalhekk issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sakemm l-Awtorita attriċi tirregola ruħha.

13. Rat li b'nota datata 7 ta' Mejju 2025 l-Awtorita attriċi preżentat nota li permezz tagħha rriduċiet it-talba tagħha fis-sens li fil-mori tad-differiment is-soċjeta konvenuta kienet ħalsitha s-somma ta' €68,259.27 u għalhekk l-Awtorita attriċi żammet ferm it-talba tagħha għall-imgħax sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjeż ta' din il-kawża. L-Awtorita attriċi però ma infurmatx lil Qorti d-data tal-meta tħallas l-ammont sħiħ ta' €68,259.27 li jekwivali preċiżament mal-ammont tas-sorte tal-kreditu mitlub minnha f'din il-kawża.

**Ikkunsidrat:**

14. Ġaladarba l-ammont tas-sorte ġie dikjarat imħallas mis-soċjeta konvenuta lill-Awtorita attriċi, jsegwi kjarament li l-istess soċjetà konvenuta rrikonoxxiet li dan l-ammont kien effettivament dovut li jitħallas minnha lill-Awtorita attriċi. Iżda peress li l-ammont reklamat mill-Awtorita attriċi tħallas kollu, f'dan l-istadju din il-Qorti

ma tistax tikkundanna lis-soċjeta konvenuta li tħallas lill-Awtorita attriċi dan l-ammont ta' €68,259.27 u dan peress li issa dak il-kreditu ġie estint bil-ħlas in toto tiegħu fil-mori. Iżda ġaladarba dan l-ammont jirriżulta mhux biss li kien dovut mis-soċjeta konvenuta tant li tħallas interament, iżda jirriżulta wkoll li tħallas tardivament, dik il-parti tat-tielet talba fejn l-Awtorita attriċi talbet il-ħlas tal-imgħax skont il-Liġi mid-data tal-iskadenza ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv u l-ħlas tal-kap tal-ispejjeż timmerita li tiġi milqugħa.

# DECIDE

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi dan il-każ billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ a tenur tal-art 167 et sek tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**
2. **Tilqa' t-tieni talba fis-sens li tiddikjara li s-soċjeta konvenuta kienet debitriċi tal-Awtorita attriċi tal-ammont ta' tmienja u sittin elf, mitejn disa' u ħamsin euro sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€68,259.27) li però tħallas biss fil-mori ta' din il-kawża u mhux meta kellu jitħallas skont il-fatturi rispettivi maħruġa mill-Awtorita attriċi lis-soċjeta konvenuta fl-iskadenzi legali rispettivi;**
3. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dik il-parti tat-tielet talba fejn l-Awtorita attriċi talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-soċjeta konvenuta tħallas dan l-ammont ta' tmienja u sittin elf, mitejn disa' u ħamsin euro sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€68,259.27) u dan peress li dan l-ammont laħaq ġie mħallas fil-mori tal-kawża iżda tilqa' dik il-parti tat-tielet talba attriċi fejn din talbet li tiġi mħalsa l-imgħax skont il-liġi mid-data tal-iskadenza ta' kull fattura sad-data tal-ħlas effettiv u konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta konvenuta tħallas lill-Awtorita attriċi l-imgħaxijiet legali dovuti fuq l-ammonti fatturati mill-Awtorita attriċi lis-soċjeta konvenuta mid-data tal-iskadenza ta' kull fattura sa' dik id-data ta' meta sar l-aħħar pagament bilanċjali li kien formanti parti mis-sorte f'dan il-każ;**

**u bl-ispejjeż ikunu a karigu tas-soċjeta konvenuta.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**